# QORTI TA' L-APPELL
## (SEDE INFERJURI)

## IMHALLEF

### ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Gunju 2002**

**Numru 6**

**Cit. Nru. 1023/99**

**Mary Grace Ebejer**

**vs**

**Christopher Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Gunju 2001 li minnha sar l-appell presenti u li taqra hekk:

> Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta' Lulju ta' l-1999 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-Qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:
>
> 1. Iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attrici assikuratrici bhala konsegwenza ta' l-incdent tat-traffiku li gara fil-15 ta' Jannar, 1998 fil-limiti tal-Gzira waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru. FAS 208, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolament tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mal-vettura numru AAE 732 proprjeta' ta' l-attrici, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;

2. Illi tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u ghoxrin lira Maltin (LM520.00,0) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Ikkundannat ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;

4. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-12 ta' April, 1999, tal-konsult (Lm12.00,0) u ta' ittra ufficjali ppresentat kontestwalment ma'dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontra l-istess konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 ta' Ottubru ta' l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident stradali in kwistjoni ma garax tort tieghu;

2. Illi huwa kien qieghed isuq b'mod prudenti u diligenti u ma kiser ebda regolament tat-traffiku;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

4. Bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fl-15 ta' Jannar ta' Jannar ta' l-1998 ghall-habta tas-1.30p.m. fi Gzira Road, il-Gzira;

2. Illi l-vetturi nvoluti kienu dik tal-marka Maruti bin-numru ta' registrazzjoni AAE-732 misjuqa mill-attrici Ebejer u dik tal-marka

Maruti wkoll bin-numru ta' registrazzjoni FAS-208 misjuqa mill-konvenut Gatt;

3. Illi jirrizulta li waqt li l-attrici kienet qed issuq fil-karreggjata taghha l-konvenut dahal fiha u ikkagunalha d-danni minnha reklamati permezz ta' l-avviz odjern;

4. Illi l-ammont ta' danni kkagunat mill-konvenut fuq il-vettura ta' l-attrici jirrizulta li hu ta sitt mija u seba' u sebghin Lira Maltin, (Lm677.00,0), kif jidher mid-dokument immarkat Dok. MGE 1 a fol 26 u mhux dak reklamat fl-avviz fuq indikat;

5. Illi l-konvenut Gatt isostni li fil-hin ta' l-incident hu kien qed isuq bi prudenza izda f'hin minnhom tilef il-kontroll tal-vettura li kien isuq peress li kien hemm iz-zejt fit-triq;

Ikkonsidrat:

Illi ghalkemm il-konvenut qed jipprova jiskolpa lilu nnifsu billi jsostni li kien hemm zejt fit-triq, dan ma jezonorahx mill-fatt li hu ghandu d-dover izomm "proper look-out" u jkollu dejjem il-kontroll tal-vettura tieghu biex f'kaz ta' emergenza jevita incidenti;

Illi eventwalment dan ma sehhx;

Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut:

1. Tiddikjara lill-konvenut Christopher Gatt unikment responsabbli ghall-incident in dizamina;

2. Tillikwida d-danni kkagunati lill-attrici fl-ammont ta' sitt mija u seba' u sebghin Lira Maltin, (Lm677.00,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut Christopher Gatt biex ihallas lill-attrici Mary Grace Ebejer l-ammont ta' danni hekk likwidati, bl-ispejjez.

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu u konsegwentement tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata;

Rat ir-risposta ta' l-appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat illi:-

L-aggravju tal-konvenut appellant jikkonsisti in sintezi f'dawn is-sottomissjonijiet:

L-attrici appellata ma rnexxilhiex tipprova li huwa kien qieghed isuq il-vettura tieghu b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku u kuntrarjament ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti huwa kien qieghed izomm *a proper look-out* u kellu kontroll tal-vettura tieghu. Huwa tilef il-kontroll biss minhabba li t-triq kienet tizloq biz-zejt tal-KFC u x-xita. Barra minn hekk ma setax jinduna li kien hemm iz-zejt fit-triq peress li ma setax jara dik il-parti tat-triq fejn gara l-incident qabel ma kiser il-katuniera u anke kieku stess, l-art kienet tidher imxarba minhabba x-xita u allura z-zejt ma kienx jidher. Skid hu fattur newtrali u f'dan il-kaz ma kienx hemm negligenza la antecedenti u lanqas konkomitanti ta' l-appellant li ghaldaqstant m'ghandux jinzamm responsabbli.

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-appellata m'ghandha l-ebda htija ghall-incident in kwistjoni. Difatti hu nkontestat li hija kienet wieqfa fi Gzira Road wara karrozza ohra tistenna biex tohrog ghall-Istrand. F'dak il-hin l-appellant dahal mill-Istrand biex jitla' Gzira Road

meta sab xi zejt ma' l-art li, flimkien mal-fatt li kienet ix-xita, ghamlet l-art tizloq u huwa skiddja ghal fuq il-karrozza ta' l-appellata.

Il-Qrati taghna rritenew li l-principju regolatur in materja ta' *skidding* ma jistax ikun hlief dan: *"li skid wahedha ma hijiex la prova ta' negligenza, u lanqas skriminanti – hemm bzonn li jigi indagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti (p.e. speed zejjed, applikazzjoni bruska tal-brakes, tyres bil-grooves mikulin, fatturi li jghinu l-iskidding, barra ohrajn). Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilta` l-istess, nonostanti l-iskid, jekk ma tirrizultax, allura l-iskid hija 'a good defence' ghax tkun 'inevitable accident'"* (**Il-Pulizija vs Carmel Cachia**, Qorti ta' l-Appell Kriminali,11 ta' Dicembru 1954, Vol. XXXVIII.iv.920; ara wkoll **Il-Pulizija vs Felice Mangion**, Appell Kriminali, 19 ta' Settembru 1949, Vol. XXXIII.iv.931); principju dan li baqa' jigi segwit, per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **ALM Enterprises Limited vs Prof. Roger Ellul Micallef et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Jannar 2000.

Difatti skid per se`, izolament, hija cirkostanza newtrali, li la hija difiza u anqas hija evidenza ta' negligenza. Skid tista' tigri nonostante li d-driver jiehu prekawzjoni; tista' tigri minhabba n-negligenza ta' utent iehor tat-triq, u tista' tigri minhabba negligenza konsistenti fin-nuqqas ta' prekawzjoni tad-driver li l-karrozza tieghu skiddjat. Ghalhekk, hemm bzonn li, minbarra l-fatt semplici ta' l-iskid, ikun hemm prova ta' negligenza biex ikun hemm responsabbilta`.

L-Ewwel Qorti sabet li l-appellant ma zammx *a proper look-out* u ma kellux il-kontroll shih tal-vettura tieghu biex f'kaz ta' emergenza seta' jevita l-incident. L-appellant isostni li minhabba x-xita ma setax ikun li

jinduna biz-zejt fit-triq u li kellu l-kontroll tal-vettura tieghu sakemm ghadda minn fuq iz-zejt. L-appellata ssostni li l-appellant kien l-uniku wiehed li habat u ghalhekk ma setax ikun li kien qed isuq b'mod prudenti, u kieku kien qed izomm *a proper look-out* u jsuq b'mod prudenti kien jinduna biz-zejt u jirrallenta.

Bingham, fit-test 'Motor Claims Cases', p.122, ighid:

> *"A defence of skidding is sometimes raised in answer to a prima facie case of negligence but the modern tendency is to regard a skid as placing a heavy onus of proof on the defendant"*.

Li t-triq kienet tizloq jirrizulta mix-xiehda ta' P.S. 500 John Giusti li xehed li rrizultalu li dakinhar l-istabbiliment tal-KFC kellhom zejt ta' l-ikel mormi go skip go jerry can u meta l-kuntrattur mar biex ibattal l-iskip, waqghet l-iskip, infaqghet il-jerry can u xxerred iz-zejt kollu. Bix-xita z-zejt gera mat-triq kollha. Huwa sejjah lil tal-Fire Brigade biex jevita incidenti ohra.

L-appellant spjega l-incident hekk: *"jiena konta qed insuq vann tal-marka Maruti bin-numru ta' registrazzjoni FAS 208. Kont gej min-nizla tal-Gzira, qbizt il-KFC u gejt biex nikser lejn il-United Motors. Kif kont ser nikser fid-direzzjoni li ridt nimxi jien kienet ix-xita u l-vann gie minghajr steering u dhalt gos-sinjura. Mistoqsi b'liema speed kont sejjer nghid li kont qed insuq bil-mod hafna .... Meta ghidt li l-vann gie bla steering ridt infisser li meta gejt biex indur u dawwart l-isteering il-vann baqa' miexi wahdu. Jiena ma kelli l-ebda kontroll fuqu.... Aktar tard dakinhar sirt naf li kien hemm iz-zejt fit-triq. Dan nafu ghaliex l-*

*imghallem tieghi mar jiccekkja. Fil-fatt dakinhar il-habta tieghi ma kenitx l-unika wahda."*

In kontro-ezami gie mistoqsi jekk fi tliet kwarti li dam fuq il-post wara l-incident kienx hemm xi karrozzi ohra li habtu wiegeb li le pero` jaf li sakemm kienu qed jistennew biex jigu tterminati l-proceduri kien hemm vettura ohra li skiddjat u kwazi baqghet diehla fihom. Mistoqsi jekk rax iz-zejt wiegeb li z-zejt ma tantx tista' tarah izda malli hargu l-art bdiet tizloq.

Fil-fehma ta' din il-Qorti d-difiza ta' l-appellant ma tistax tigi milqugha. Jigi notat l-ewwelnett li meta tkun ix-xita, specjalment jekk tkun ghadha kemm bdiet niezla jew jekk tkun qed traxxax (P.S. Giusti qal li kienet "naqra" xita), skid huwa aktar possibbli u ghalhekk is-sewqan ghandu jkun hafna aktar prudenti. Hawn ghandna sitwazzjoni ta' sewwieq li kien miexi fid-dritt gej mid-direzzjoni ta' Testaferrata Street izda li ried idur mal-KFC fid-direzzjoni tal-United Motors. Issa huwa xehed li l-iskid sehh kif kien ser jikser lejn il-United Motors. Huwa evidenti li huwa kien diga` kiser minn The Strand ghal gol-fetha li hemm fejn Gzira Road tizbokka f'The Strand u li biex ikompli diehel ghal Gzira Road ried ikompli jikser l-isteering. Izda ghalkemm ighid li kien qed isuq bil-mod hafna, imkien fix-xiehda tieghu ma jghid li rrallenta qabel ma kiser. Ghalhekk il-Qorti tifhem li huwa dahal ghal Gzira Road bl-istess momentum li kellu waqt li kien qed isuq fid-dritt. Huwa veru li f'dan il-kaz l-art saret tizloq aktar minhabba z-zejt li kien waqa' minn tal-KFC izda mix-xiehda ta' l-appellant stess jirrizulta li kemm damu fil-post ma kien hemm l-ebda incident iehor u li ghalkemm kien hemm karrozza ohra li "kwazi" baqghet diehla fihom, dan ma sehhx. Ghaliex, tistaqsi l-Qorti, il-karrozza l-ohra ma dahlitx fihom? Mhux ghax min kien qed isuqha

kien aktar prudenti fis-sewqan tieghu? Mhux ghax kellu aktar kontroll fuq il-vettura tieghu?

Fit-test "Driving: Ministry of Transport Manual", pagna 162, jinghad li *"if a car is going steadily along a level road where there are no junctions, bends or traffic, there need be no skids however slippery the road, as long as these conditions last. It is when a driver alters his speed or direction that he may skid. In other words, the risk comes when the car is being slowed down or speeded up, turned or driven uphill. A car skids because the driver is asking more from it in braking (or acceleration) and/or steering than is possible with the amount of grip the tyres have on the road at the time"*.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.